

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Marzu 2015 – AX vs BĊE

(Kawża F-73/13) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Persunal tal-BĊE — Proċedura dixxiplinari — Sanzjoni dixxiplinari — Tkeċċija — Drittijiet tad-difiża — Aċċess għall-fajl dixxiplinarja — Aċċess għal informazzjoni u dokumenti relatati ma' dipartimenti oħra — Terminu raġonevoli — Legalità tal-kompożizzjoni tal-Bord Dixxiplinari — Rwol konsultattiv tal-Bord Dixxiplinari — Sanzjoni iktar ħarxa minn dik irrakkomandata — Obbligu ta' motivazzjoni — Tmexxija ta' dipartiment — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Proporzjonalità tas-sanzjoni — Ċirkustanzi attenwanti — Ċirkustanzi aggravanti — Eċċezzjoni ta' illegalità)*

(2015/C 146/57)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: AX (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: M. López Torres u E. Carlini, aġenti, u B. Wägenbaur, avukat)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrent wara proċedura dixxiplinari għal nuqqas serju, u talba għall-kumpens għad-danni morali allegatament subiti.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) AX għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 274, 21/09/2013, p. 33

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-5 ta' Marzu 2015 – Gyarmathy vs FRA

(Kawża F-97/13) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Persunal tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Membru tal-Persunal temporanju — Reklutaġġ — Avviż ta' pożizzjoni vakanti — Ċaħda ta' kandidatura)*

(2015/C 146/58)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Valéria Anna Gyarmathy (Györ, l-Ungerija) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandebussche, avukati)